Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-5 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta, 23 ta' Lulju 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti għal-laqgħa: | | |
| | Saviour Borg | Sindku |
| | Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | Horace Micallef | Kunsillier |
| | Mario Mercieca | Kunsillier |
| | Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Victor Cefai | Viċi-Sindku |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 4, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

   - Saret ħarġa soċjo kulturali għar-residenti tal-Fontana, fl-okkażżjoni tal-festa tal-Imnarja fin-Nadur. Ġiet organizzata quddiesa fil-Bażilika, u wara saret żjara lill-wirja fis-Sala tal-Kunsill Lokali dwar it-325 sena tal-paroċċa, kif ukoll il-Mużew Marittimu. Il-ħarġa ntemmet b' *kafe u snack* fl-"Al Capone Restaurant" fl-istess raħal. Attendew 28 –il persuna għal din il-ħarġa, fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.
   - Is-Sindku u l-Enġinier Mario Galea flimkien ma l-*electrician* għamel żjara fi Pjazza l-Għejjun fejn ġew ippruvati il-*Flood Lights* tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ.
   - Saret ħarġa soċjo-kulturali għal Sqallija, fejn attendew 43 persuna fosthom is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

Sqallija. Saret żjara l-bajjiet ta' Marina di Ragusa u Scholiatti, wara Vittoria u Comiso, wara ġiet preparata ikla f'Agriturismo f'Monte Rosso. Il-ġurnata kompliet fiż-żjara f'ċentru kummerċjali ħdejn Ragusa u wara fiċ-Ċentru tal-Belt ta' Ragusa Ibla.

- Is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef attendew għal-laqgħa mal-uffiċjali tal-MEPA mmexxija mis-Sur Chris Attard dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali dwar il-Fontana. Din saret fis-Sala tal-Komunità.
- Invit għal-konsultazzjoni pubblika 'Ningħaqdu kontra l-Faqar', nhar il-26 ta' Lulju fil-Menqa, Marsalforn.
- Tingħata ir-replika tal-għejjun lis-Sur Lorry Apap, bħala Kunsillier fil-Kunsillier precedenti.
- Is-Sindku nforma lill-preżenti li l-iSports Fest se ssir għal-ħabta ta'nofs Settembru bil-kollaborazzjoni tal-paroċċa taħt l-iSkema Sports 2013.
- Intbagħtet email lill-Gatt Tarmac biex jitkompla il-*patching* fil-lokalità nhar il-15 ta' Lulju. Dan ix-xogħol beda f'Settembru 2012 u għadu ma tlestiex. Il-Kunsill qabel li jingħata żmien xahar biex jitkompla, u wara jittieħdu l-passi meħtieġa skont il-kuntratt.
- Is-sindku ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-avukat Samuel Azzopardi għadu ma bagħatx lill-Bord tal-Appell biex l-offerta tal-ġebel tal-qawwi tmur għas-sentenza peress li l-Avukat Joseph Ellis ma bagħatx is-sottomesjonijiet tiegħu minkejja li kellu żmien sas-6 ta' Mejju 2013. Is-Sindku qal li qed isir ħsara lill-bejt tat-tieni fażi taċ-ċentru Ċiviku. Il-Kunsill iddeċieda li ma jibqax juża s-servizzi ta' dan l-avukat. Il-Kunsill qabel ukoll li jitqabbad l-avukat Jean Paul Grech.
- Is-Sindku ippropona li ssir ħarġa ta' nofs t'inhar f'Ghawdex fix-xahar t'Awwissu. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Se issir laqgħa ma' Ruben Said nhar il-25 ta' Lulju rigward il-proposta li għamel dan il-Kunsill fuq ir-rotta tal-Arriva mill-Fontana għax-Xlendi. Għal din il-laqgħa hu mistieden ukoll l-Kunsill tal-Munxar.
- Memo 17/2013 – is-sindku ressaq il-Mozzjoni u Horace Micallef issekonda. Il-kunsill approva li ssir l-applikazzjoni għal fondi tal-apparat għal *online streaming.*
- Memo 18/2013 – il-Kunsill iddecieda li ma japplikax għal-fondi biex issir *Car Free Day*.
- Saret il-manutenzjoni tal-*Floodlights* u nżebgħu xi sinjali tat-toroq mill-ħaddiema tal-IPSL.
- Sar qbil mill-Kunsill biex isir l-*inputting* fis-Sage minn Jannar 2013 sal-ġurnata preżenti minn Joanna Caruana.
- Saret it-tisqija tal-Belvedere tat-Triq ta' Mulejja u ħdejn il-*bins* tar-reċiklaġġ permess ta' bowżer.
- Sar vandalizmu fuq żewġ qsari fit-telgħa tat-Triq il-Għajn, 'l isfel mill-Knisja.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

**4. Materji Oħra**

Horace Micallef

- Ilment li daħal fil-Ministeru għal Għawdex rigward it-*telephone box* fit-Triq il-Għajn biex titneħħa minn hemmhekk. Is-sindku qal li dik qegħdha fuq art privata. Horace qal li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill aħjar jaħseb f'post ħalli jekk din it-*telephone box* tiġi biex tinqala teħel f'post ieħor. Il-Kunsill qabel li jekk tinqala ssir fit-Triq il-Mulejja, kantuniera mat-Triq Fuq il-Għajn (man-naħa tal-ħajt taċ-ċentru ċiviku).

**5. Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fl-4.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Awwisu, 2013 fit-3pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555